**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Ottubru, 2015

Rikors numru : 236/2015 AL

AB

Vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-kontendenti konjugi kkontrattaw iz-zwieg fid-19 ta' Marzu tas-sena 1978 u miz-zwieg taghhom kellhom tifla Rebecca, illum maggorenni.
2. Illi l-imsemmija konjugi kienu nfirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat min-Nutar Dottor Mark Coppini fl-4 ta' Marzu 1988 (Dokument AM 1).
3. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, *inter alia*, l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu rrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi

taghhom illi jitolbu l-manteniment minghand xulxin (Artikolu 5 tal-istess kuntratt).

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.
5. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni m’huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talab ghar-ragunijiet fuq imsemmija illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex illi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16, prevja s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta’ dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Bl-ispejjes;

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha tikkonferma li :

1. Taderixxi mat-talba attrici;
2. Bl-ispejjez kontra l-attur;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta’ Gunju, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta’ Marzu 1988 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.